# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Ġunju, 2021.**

**Numru 24**

**Rikors numru 338/16/1 AF**

**Michael Attard Limited (C – 32362)**

**v.**

**Raymond Bezzina u Maria Dolores Bezzina**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell imressaq mill-intimata Maria Dolores Bezzina minn digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ottubru, 2016 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "id-digriet appellat") kif ukoll mis-sentenza mogħtija dakinhar ukoll (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza appellata"), fil-kawża fl-ismijiet fuq imsemmija, li bihom u għar-raġunijiet hemm imfissra,

dik il-Qorti sabet li l-intimata Maria Dolores Bezzina (minn issa 'l hemm imsejħa "l-appellanti") kienet waqgħet kontumaċi fl-azzjoni mressqa mill-kumpanija intimata appellata bil-proċedura sommarja speċjali, u b'sentenza tal-istess jum, laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi fil-konfront tal-istess appellanti, bl-ispejjeż u imgħaxijiet kif mitluba;

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, il-kumpanija attriċi appellata tgħid li daħlet fi ftehim mal-intimati li bih iffirmaw favuriha sensiela ta' kambjali li lkoll immaturaw u baqgħu ma tħallsux. Qalet li l-intimati baqgħu ma ħallsux l-ammont ta' mija u tnax-il elf, erba' mija u għaxar ewro u sittax-il ċenteżmu (€112,410.06) minkejja li ġew mitluba jagħmlu dan. Billi d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, trid li l-proċeduri jitmexxew kontra tagħhom bid-dispensa tas-smigħ u l-kundanna għall-ħlas tal-imsemmija somma;

3. Illi dakinhar tal-ewwel smigħ tal-kawża deher biss l-intimat Raymond Bezzina u l-Qorti tatu żmien biex jilqa' għat-talbiet attriċi billi jressaq Tweġiba Maħlufa, filwaqt li, fil-konfront tal-appellanti, sabet li din kienet naqset li tidher meta ssejħet il-kawża u b'hekkipposponiet il-kawża għall-għoti tas-sentenza fil-konfront tagħha. Aktar tard dakinhar, l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-appellanti bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba;

4. Illi l-konsiderazzjonijiet li għamlet l-ewwel Qorti biex tat is-sentenza appellata huma dawn:

> "*Rat li minkejja li gew debitament notifikati, kien biss Raymond Bezzina li deher ghall-kawza u nghata l-fakoltà li jwiegeb.*
>
> *Il-Qorti taqta' u tiddeciedi limitatament fil-konfront ta' Maria Dolores Bezzina billi:*
>
> *1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;*
>
> *2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fil-konfront taghha.*
>
> *L-ispejjez jithallsu minn Maria Dolores Bezzina*".

5. Illi l-appellanti ħassitha aggravata mill-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell tal-31 ta' Ottubru, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella kemm id-digriet appellat fejn l-ewwel Qorti ma tathiex żmien tressaq Tweġiba Maħlufa kif imiss, u kif ukoll biex tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza appellata u tibgħat lura l-atti lill-ewwel Qorti sabiex l-appellanti tingħata żmien biex tressaq Tweġiba Maħlufa u jitkompla s-smigħ tal-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija appellata;

6. Illi permezz ta' Tweġiba tas-7 ta' Novembru, 2016, il-kumpanija appellata laqgħet għall-appell billi qalet li kemm l-appell mid-digriet appellat, kif ukoll mis-sentenza appellata għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi konfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża, magħduda dawk tal-appell imressaq mill-intimat Raymond Bezzina mit-tieni sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fil-kawża mressqa mill-appellata;

8. Semgħet it-trattazzjoni mid-difensuri taż-żewġ partijiet waqt is-smigħ tat-18 ta' Mejju, 2021;

9. Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

10. Illi din hija azzjoni kambjarja mressqa bil-proċedura sommarja speċjali li biha l-appellata talbet il-ħlas tal-import ta' sitt mija u tlieta u erbgħin (643) kambjali maturati, aċċettati u ffirmati mill-imħarrkin. L-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba u għaddiet biex tagħti s-sentenza bid-dispensa tas-smigħ kontra l-appellanti li ma dehritx fl-ewwel smigħ, laqgħet ukoll it-tieni talba kif dedotta, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kif mitluba;

11. Illi l-**aggravju tal-appellanti** huwa wieħed, u jgħid li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi meta tat żmien lill-intimat biex iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu għall-azzjoni attriċi filwaqt li, fil-konfront

tagħha, sabitha kontumaċi u ipposponiet il-kawża għall-għoti tas-sentenza u, aktar tard fl-istess jum, tat sentenza billi laqgħet it-talbiet attriċi. Tgħid li, f'din il-kawża, hija lanqas biss messha kienet imħarrka ladarba l-appellata ħarrket lil żewġha. Żiedet tgħid li għalkemm hija prattika li fi proċeduri bħal f'din il-kawża, jidhru l-imħarrkin kollha biex juru huma stess li għandhom eċċezzjonijiet x'iressqu għall-azzjoni mibdija bil-proċedura sommarja speċjali, hija prattika wkoll li l-qrati laħqu laqgħu rappreżentant ta' parti mħarrka jew ta' bosta mħarrkin, bħala biżżejjed biex jingħatalhom ilkoll il-jedd li jitħallew jikkontestaw il-kawża jekk jingħataw raġunijiet tajbin biex dan jitħalla jsir. Ittenni li qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn meta teżerċita s-setgħa tagħha li tgħaddi biex tiddeċiedi kawża bid-dispensa tas-smigħ;

12. Illi l-kumpanija appellata, min-naħa l-oħra, tilqa' għal dan l-aggravju u tgħid li l-appellanti ma kinitx preżenti għas-smigħ u għaldaqstant kienet kontumaċi u li l-ewwel Qorti kienet fis-sewwa meta għaddiet għas-sentenza fil-konfront tagħha. Tgħid li ladarba l-kambjali ġew iffirmati miż-żewġ konvenuti, kellhom jitħarrku fil-kawża t-tnejn li huma biex il-ġudizzju jkun sħiħ. Għaldaqstant, tgħid li l-argument tal-appellanti li żewġha jista' jwieġeb għaliha ma jreġix. Ittenni li l-preżenza tal-appellanti quddiem il-Qorti kienet mitluba mil-liġi u mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna;

13. Illi din il-Qorti, biex tasal għall-fehmiet tagħha dwar dan l-aggravju, jeħtiġilha li tistrieħ fuq dak li jirriżultalha mill-atti proċesswali. Fis-26 ta' April, 2016, il-kumpanija appellata ressqet kawża b'Rikors Maħluf taħt proċedura partikolari u, fost l-oħrajn, talbet li l-Qort tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi bid-dispensa tas-smigħ. B'digriet tat-28 ta' April, 2016[1], l-ewwel Qorti qiegħdet il-kawża għas-smigħ b'ordni lill-intimati biex jidhru u jwieġbu għat-talba tal-kumpanija attriċi. Tenniet ukoll li, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi (sottolinear ta' din il-Qorti);

14. Illi l-kumpanija attriċi appellata ppruvat tinnotifika lill-intimati bir-Rikors Maħluf, bid-digriet tat-28 ta' April, 2016, u bl-Avviż għas-Smigh fl-indirizz tal-post fejn kienu joqogħdu ġewwa San Pawl il-Baħar[2]. Billi dan l-għan ma ntlaħaqx, l-intimati ġew notifikati wara li ġiet segwita l-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni[3];

15. Illi għas-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2016, deher rappreżentant tal-kumpanija attriċi u l-imħarrek Raymond Bezzina, it-tnejn megħjuna mill-avukati tal-fiduċja tagħhom. L-appellanti ma dehritx. Waqt is-smigh, l-ewwel Qorti tat id-digriet appellat, li jgħid hekk:

[1] Paġ. 5 tal-proċess.
[2] Paġ. 7 tal-proċess.
[3] Paġ. 10 tal-proċess.

*"Il-Qorti, peress illi l-intimat Raymond Bezzina waħdu jista' jkollu eċċezzjonijiet xi jressaq, takkorda għoxrin ġurnata millum għal preżentata tal-eċċezzjoni.*

*Il-kawża posposta għas-sentenza fil-konfront ta' Maria Dolores Bezzina.*

*Ingħatat sentenza.*

*Il-Qorti tħalli l-kawża għal kontinwazzjoni għat-30 ta' Novembru, 2016."*

16. Illi l-ewwel Qorti għaddiet għall-għoti tas-sentenza kif qalet fid-digriet, u qatgħet il-kawża safejn tirrigwarda lill-appellanti u kontriha;

17. Illi bis-saħħa tal-appell tagħha, l-appellanti qiegħda titlob kemm it-tħassir tad-digriet appellat fejn il-Qorti tat żmien biss lill-intimat żewġha biex iressaq Tweġiba Maħlufa, kif ukoll it-tħassir tas-sentenza appellata li nqatgħet fil-konfront tagħha. Il-kwistjoni fl-ewwel parti ta' dan l-appell hija jekk kienx hemm il-ħtieġa li l-appellanti tkun preżenti wkoll għall-ewwel smigħ tal-kawża, ladarba deher żewġha;

18. Illi l-argument tal-appellanti huwa li żewġha seta' jidher għaliha wkoll. Hija tistrieħ fuq il-liġi tal-komunjoni tal-akkwisti u ttenni li billi l-mertu tal-azzjoni attriċi ma jaqax bħala att ta' amministrazzjoni straordinarja, il-kumpanija appellata setgħet ħarrket biss lil żewġha. Il-kumpanija appellata, tilqa' għal dan l-argument billi tgħid li l-kambjali ġew iffirmati miż-żewġ intimati u għaldaqstant hija mxiet sewwa meta ħarrkithom it-tnejn biex iwieġbu għat-talba tal-ħlas tal-imsemmija kambjali;

19. Illi l-Qorti tqis li attur f'kawża għandu jedd ifassal l-azzjoni tiegħu kif jidhirlu xieraq u jressaqha kontra dik il-persuna (persuni) li, fil-fehma tiegħu, għandha twieġeb għat-talbiet tiegħu. F'dan il-każ, l-azzjoni hija waħda dwar kambjali u l-appellata kellha kull jedd tagħżel li tiftaħ il-kawża kontra min jidhrilha li huwa midjun lejha. Min-naħa l-oħra, id-dritt ta' konvenut f'kawża huwa dak li jressaq dik id-difiża xierqa biex jilqa' għat-talbiet attriċi;

20. Illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti l-opportunita` lill-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[4]. Il-Qorti, min-naħa l-oħra, hija marbuta bit-talbiet u bl-eċċezzjonijiet kif imressqa mill-partijiet, u meta tagħżel li tilqa' talba jew eċċezzjoni huwa mistenni li tagħmel dan fuq is-saħħa ta' dak li jkun mitlub jew eċċepit. Il-Qorti hija fuq kollox marbuta li timxi mad-dettami tal-liġi, inkluż għaldaqstant il-liġi li tirregola l-aspett proċedurali ta' azzjoni;

21. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha jirriżulta li l-imħarrkin it-tnejn qablu u ffirmaw favur il-kumpanija attriċi appellata numru ta' kambjali u li hemm ammont li baqa' ma tħallasx[5]. Il-kumpanija attriċi ressqet it-talbiet tagħha fil-konfront taż-żewġ debituri, innotifikathom it-tnejn separatament

[4] Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et v. Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**).
[5] Ara Dok. "A" anness mar-Rikors Maħluf f'paġ. 4 tal-proċess.

u tathom l-opportunita` li jressqu difiża t-tnejn li huma. Il-kumpanija appellata għażlet li tagħmel dan billi fasslet l-azzjoni tagħha taħt proċediment sommarju regolat b'liġi apposta. L-appellanti għażlet li ma tidhirx quddiem l-ewwel Qorti dakinhar tal-ewwel smigħ. Mill-atti lanqas jirriżulta li ngħataw raġunijiet għaliex ma kinitx preżenti, u l-ewwel Qorti laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha filwaqt li tat lill-imħarrek żewġha żmien biex iressaq id-difiża tiegħu;

22. Illi dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 170 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jidher li dawn il-Qrati mhux dejjem qablu bejniethom. Insibu għaldaqstant drabi fejn din il-Qorti sabet li m'huwiex meħtieġ li l-parti mħarrka tidher personalment u l-Qorti rabtet dan ma' dak li jgħid l-Artikolu 201 tal-istess Kodiċi li quddiem il-Qrati Superjuri, il-parti mħarrka titqies kontumaċi kemm-il darba hi jew l-avukat tagħha jonqsu li jidhru[6]. Sentenzi oħrajn iqisu l-kwistjoni b'mod aktar strett, u jsibu li l-preżenza fiżika tal-parti mħarrka (lil hinn minn dik tal-avukat imqabbad minnha) fil-jum tal-ewwel smigħ bħala meħtieġa[7];

[6]App Kumm **25.3.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Sammut noe v. Frendo noe*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.566**)

[7] App Ċiv. **23.9.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***LaRosa (Marbles) Ltd. v. Marvin Vella*** (mhux pubblikata). Ara wkoll App. Ċiv. **30.5.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***T.A.L. Ltd v. Alfred Balzan*** fejn ingħad li "*Fl-ewwel udjenza quddiem l-ewwel qorti kien jispetta lill-konvenut li jipprova, "bil-ġurament tiegħu jew xort'oħra" li "għandu eċċezzjonijiet prima facie, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-meritu ta' l-azzjoni" jew xort'oħra jġib "fatti jew punti ta' liġi li jistgħu jitqiesu li jkunu biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontro-talba*"

23. Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-istitut tal-kontumaċja li japplika għal kawżi li jitressqu bil-proċediment ordinarju ma jgħoddx għal smigħ ta' kawża bi proċedura sommarja speċjali. Kemm hu hekk, billi din hija proċedura speċjali, il-Qorti hija marbuta li tiddeċiedi minnufih il-kawża jekk il-parti mħarrka ma tidhirx[8]. Huwa biss meta jingħata permess biex il-parti mħarrka tressaq eċċezzjonijiet, li kawża tiġi mismugħa u deċiża fuq l-istess atti fil-kors ordinarju tagħha[9]. Sa dak l-istadju, il-proċedura titqies bħala speċjali bil-konsegwenzi li din iġġib magħha għall-imħarrkin;

24. Illi wara li ħadet qies tal-konsiderazzjonijiet fuq imsemmija u tal-atti ppreżentati quddiemha, din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti mxiet sew meta, bid-digriet appellat, ma tatx lill-appellanti żmien biex tressaq id-difiża tagħha, ladarba li ma dehritx u lanqas issemma li kien hemm xi ħadd jidher għaliha. Tqis ukoll li, fiċ-ċirkustanzi, l-ewwel Qorti mxiet ukoll sew meta laqgħet it-talbiet tal-kumpanija attriċi appellata fil-konfront tal-appellanti dakinhar stess li tat dak id-digriet. L-aggravju tal-appellanti qiegħed għaldaqstant jiġi miċħud;

***Deċide:***

25. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[8] Art. 170(1) tal-Kap. 12.
[9] Art. 179(3) tal-Kap. 12.

**Tiċħad l-appell** tal-intimata billi mhux mistħoqq la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u tikkonferma għal kollox kemm id-digriet appellat kif ukoll is-sentenza appellata fil-kawża fl-ismijiet premessi, it-tnejn mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ottubru, 2016, fir-rigward tal-appellanti; u

**Tordna** li l-appellanti tħallas l-**ispejjeż taż-żewġ istanzi.**

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm